FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 15 ta' April, 2002

**Avviz Nru:741/01 PM**

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Mark Fenech a bazi tal-polza ta' l-istess assikurazzjoni tal-Ligi u l-istess Mark Fenech**

**Vs**

**Saviour u Dr.Vincent Galea kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Elizabeth Anderson**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu hlas ta' hames mija u sebgha u sittin Lira Maltin u tmienja u disghin centzmu (Lm567.98c) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi;

Ra n-nota ta' eccezjonionjiet tal-konvenut Saviour Caruana fejn eccepixxa li ma kienx responsabbli ghall- incident;'

Ra n-nota ta' eccezzjponijiet tal-kuratur fejn qal li mux edott mill-fatti;

Ra d-dokumenti ezebiti;

Sema' x-xhieda;

Ra r-rikors ta' Lloyds (Malta) Limited u Laferla Insurance Agency Limited;

Ra r-risposta tal-atturi u d-digriet moghti fid-19 ta' Frar, 2002 fejn gie michud ir-rikors.

Ikkonsidera li skond Tania Fenech il-vettura tal-konvenut li kien hemm fit-triq li kellha spazju biex tghaddi izda meta kienet ghaddejja infethjet il-bieba ta' wara tat-Taxi. Wara l-incident Elizabeth Anderson qalet li ma kienetx indunat bill-karozza;

Illi ghalhekk jirizulta li l-incident gara ghaliex Elizabeth Anderson fethet il-bieba minghajr ma rat x'hemm fit-triq.

Li ma hemm ebda evidenza kontra l-konvenut Saviour Caruana u ghalhekk it-talba tal-atturi fill-konfront tieghu ghandha tigi michuda;

Ra li d-danni ma gew bl-ebda mod konstatati;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddikjara li Elizabeth Anderson kienet unikament responsabbli ghall-incident u ghad-danni sofferti mil-atturi, u jilqa' t-talba ta' l-atturi fill-konfront taghha bl-ispejjez bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**Dr. Philip Manduca L.L.D.**
**Gudikatur**